**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Chris Pullicino**

**Spettur Kevin Farrugia**

**Vs**

**Christopher Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Christopher Schembri, ta' 29 sena, iben Anthony u Jacqueline nee Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Lulju 1982, residenti 201 St Helen Street, Sliema detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 362782M;

Talli f'xi data fix-xhur ta' qabel is-17 t'Awwissu 2011 xi hin matul il-lejl, minn gewwa l-Bocci Club sitwat fil-Marsa:

1) Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom Hifi, apparat tad-dawl, xorb alkoholiku w flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu tal-euro (2329.37euro) u sar ghad-detriment ta' Pierre Cremona u'jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu ta' l-euro imma izjed minn mija w sittax il-euro w sebgha w erbghin;

3) U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F'Awwissu 2011, Pierre Cremona, sid ta' Bocci Club gewwa l-Marsa, ghamel rapport mal-Pulizija li xi hadd kien dahal fil-proprjeta' tieghu u seraq diversi oggetti tieghu, fosthom flus kontanti u apparat ta' "sound" u dwal. L-ahhar li kien halla l-post kien xi darba f'Mejju. Aktar tard f'Awwissu stess, xi oggetti li kienu insterqu minn dan il-fond intlemhu gewwa Bahar ic-Caghaq, ghand certu Alan Magro. Dan kien gie mistoqsi kif dawk l-oggetti spiccaw ghandu, u qal lill-Pulizija li kien xtrahom minnghand Christopher Schembri, l-imputat odjern. Ghalhekk il-Pulizija ghamlet tfittxija fil-proprjeta' ta' Schembri, u hemm sabet oggetti ohra li kienu insterqu mill-Club. Schembri qal li dawk l-oggetti kienu haduhom hu u certu George Galea, izda qal li ma kienux misruqa. Hu spjega lill-Pulizija li dan Galea kien qallu li kellu diversi oggettigo hanut, li kien ser jiehu b'kera, u ried ibattal dan il-hanut biex jibda jahdem fih. Ghalhekk Galea u Schembri kienu marru f'xi lejl f'Mejju 2011, kmieni fil-ghodu qabel il-5.00am, u hadu dawk l-oggetti li sabu. Schembri qal li hu kien minghalih li qed ighin lil Galea igorr hwejjeg tieghu. Ma kienx jaf li qed jisirqu oggetti ta' haddiehor. Ghalhekk il-Pulizija ressqet lil Schembri fuq dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti l-Qorti temmen il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni, u mhux dik tal-imputat, li ghandha aktar mill-hrejjef ta' Esopu milli mill-verita'. Fl-istqarrija tieghu, hu ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda li saritlu fuq il-mertu tal-kawza. Ghalhekk il-verzjoni tieghu tal-fatti hija dik li kien irrakkonta lill-Pulizija qabel ma ttiehdet l-istqarrija, u dik li ta *viva voce* in difesa quddiem din il-Qorti. Minghajr wisq tlaqliq, huwa inverosimili ghall-ahhar li tnejn min-nies jidhlu biex inaddfu post minn diversi oggetti bla cwievet tal-istess fond u fis-satra tal-lejl, meta, skond il-Prosekuzzjoni – izda ma kien hemm ebda prova fuq hekk – Galea u Schembri kienu qed icemplu lil xulxin tul dak il-lejl kollu. Il-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi biex turi li l-imputat effettivament dahal hemm u ha diversi oggetti u flus flimkien ma' Galea, haga li jammettiha hu stess, izda jipprova jezimi ruhu minn dan ir-reat billi ighid li hu kien minghalih li l-Club kien ta' Galea stess, u l-affarjiet li kien hemm kellu kull dritt iwarrabhom. Din l-ispjegazzjoni tal-imputat hija fjakka wisq, tant li kwazi tinsulta l-intelligenza ta' persuna bi ftit sens f'mohhha.

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi u, in vista tal-addebitu tar-recidiva, ser tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 289, 325(1)(b), 334(a) u 533 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal erba' snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**